A.L. 56 ta' l-1987

ATT TA' L-1971 DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI)

(ATT NRU. XIII TA' L-1971)

Ordni ta' l-1987 dwar Sapun Iebes (Ordni Nru. M18 ta' l-1987)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1971 dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), u skond dak l-artikolu, il-Bord ta' Standards ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1.1 Dan l-Ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1987 dwar Sapun Iebes, u jista' jissejjaħ Ordni Nru. M18 ta' l-1987.

Bidu fis-seħħ

2.1 Dan l-Ordni għandu jibda jseħħ f'data wara li jgħaddu 20 jum mill-jum li fih jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, liema data għandha tiġi avżata mill-Bord b'avviż fil-Gazzetta.

Għan.

3.1 Dan l-Ordni japplika għal biċċiet ta' sapun iebes jew għal biċċiet ta' sapun iebes mimli għall-użu fid-djar hekk kif fornuti lill-pubbliku ġenerali.

Deskrizzjoni.

4.1 Is-sapun għandu jkollu għamla uniformi u jkun ħieles minn kull rieħa oġġezzjonabbli, u jkun fih kwalitajiet tajbin ta' rawa u ta' tindif.

Bażi ta' ħtiġijiet ta' test.

5.1 Is-sapun li għalih jirreferi dan l-Ordni għandu t-tendenza, meta jkun maħżun, li ma jibqax frisk. Ir-riżultati miksubin bil-metodi ta' analiżi speċifikati għandhom għalhekk jerġgħu jiġu kalkulati għall-kontenut xaħmi totali minimu kif speċifikat permezz ta' l-ekwazzjoni:

$$\text{Riżultat kalkulat mill-ġdid} = \text{Riżultat Attwali} \times \frac{\text{Kontenut Xaħmi Totali Minimu}}{\text{Kontenut Xaħmi Totali Attwali.}}$$

5.2 Fil-klawżoli 7.2 sa 7.7, il-ħtieġa tal-klawżola tkun sodisfatta jekk ir-riżultat ta' kalkolu mill-ġdid li jinkiseb kif qabel imsemmi jkun skond il-limitu speċifikat.

Ħtiġiet tas-sapun iebes.

6.1 Is-sapun iebes għandu jissodisfa l-ħtiġiet tal-klawżoli 7.1 sa 7.7.

6.2 Is-sapun iebes mimli għandu jissodisfa l-ħtiġiet tal-klawżoli 8.1 sa 8.3.

Għamla tas-sapun iebes.

7.1 Il-kontenut xaħmi totali fis-sapun iebes, kif stabbilit bil-metodu mfisser f'B.S. 1715, ma għandux ikun inqas minn 62.0%.

7.2 Il-kontenut ta' aċidu tar-raża fis-sapun iebes, kif stabbilit bil-metodu mfisser f'B.S. 1715, ma għandux ikun iżjed minn 7.5% tal-kontenut xaħmi totali.

7.3 Il-kontenut totali ħieles minn xaħam (xaħam newtrali mhux saponifikat) fis-sapun iebes, kif stabbilit bil-metodu mfisser f'B.S. 1715, ma għandux ikun iżjed minn 0.2%.

7.4 Il-materjal li ma jinħallx fil-kontenut ta' l-ethanol fis-sapun iebes, kif stabbilit bil-metodu mfisser f'B.S. 1715, ma għandux ikun iżjed minn 2.0% fil-każ ta' sapun iebes u 17.0% fil-każ ta' sapun iebes mimli.

7.5 Il-kontenut ħieles minn alkali kawstiku fis-sapun iebes, kalkulat bħala Na_2O u kif stabbilit bil-metodu mfisser f'B.S. 1715, ma għandux ikun iżjed minn 0.05%.

7.6 Il-kontenut totali ħieles minn alkali fis-sapun iebes, kalkulat bħala Na_2O u kif stabbilit bil-metodu mfisser f'B.S. 1715, ma għandux ikun iżjed minn 0.25%.

7.7 Il-kontenut ta' *chloride* fis-sapun iebes, kalkulat bħala NaC1 u kif stabbilit bil-metodu mfisser f'B.S. 1715, ma għandux ikun iżjed minn 1.25%.

Għamla tas-sapun iebes mimli.

8.1 Il-kontenut xaħmi totali fis-sapun iebes mimli, kif stabbilit bil-metodi mfissrin f'B.S. 1715, ma għandux ikun inqas minn 62.0%.

8.2 Il-kontenut ta' silikat fis-sapun iebes mimli, kalkulat bħala Na_2SiO_3 u kif stabbilit bil-metodu mfisser f'B.S. 1715, ma għandux ikun iżjed minn 15.0%.

8.3 Il-pH ta' soluzzjoni ta' 1% tas-sapun iebes mimli ma għandux ikun iżjed minn 10.5.

Tikkettjar.

9.1 Is-sapun għandu jkollu tikketta ċara li tindika li jkun "Sapun Iebes" jew "Sapun Iebes Mimli" skond il-każ.